Illum 7 ta' Marzu, 2024

Lil: Hristo Yordanov Asenov (KI 53775A) ta' 137, Blue Seas, Flat 3, Triq San Xmun, San Pawl il-Baħar, u
Minica Milenovic

Permezz tal-preżenti Finance House plc (C58869) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, tinterpellak

By means of a decree of the 3rd October, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 981/2024 in the names Finance House plc vs Hristo Yordanov Asenov et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Hristo Yordanov Asenov in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 7th March, 2024

To: Hristo Yordanov Asenov (ID 53775A) of 137, Blue Seas, Flat 3, Triq San Xmun, St Paul's Bay, and
Minica Milenovic

By the present Finance House plc (C58869) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, solicits you so that

sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €12,273.20 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti 20 skadenzi ta' kambjali, kull waħda b'valur ta' €613.66, liema kambjali mmaturaw fl-1 ġurnata ta' kull xahar minn Awwissu 2021 sa Marzu 2023 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-A20).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lil Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali allura dan il-krettu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

immediately you pay the amount of €12,273.20 besides the legal interest from the due day of each bill of exchange till the effective payment representing 20 bills of exchange each of the value of €613.66, which bill of exchange matured on the 1st day of each month from August 2021 till March 2023 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-A20).

This judicial letter is being made in terms of Articles 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show to this Court grievous and valid reasons to oppose the execution of this bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

For you to be guided accordingly and to know how to proceed and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2648

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-31 ta' Ottubru, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa ta' ċens annwu u perpetwu fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens li ġġib in-numru 396/2024 fl-ismijiet 'Grace Azzopardi vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa ta' ċens annwu u perpetwu imsemmi fl-istess ċedola', ippreżentata fl-24 ta' Ottubru, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Il-fond numru tmenin u tnejn u tmenin (80 u 82), fi Triq l-Arċisqof Pietro Pace, Ir-Rabat, Għawdex, bl-art ta' taħtu u

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 31st of October, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 31st of October, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown owners of the annual and perpetual ground rent in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of ground rent bearing serial number 396/2024 in the names 'Grace Azzopardi vs Deputy Curators to represent the unknown owners of the annual and perpetual ground rent mentioned in the said schedule of deposit', filed on the 24th of October, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is:

The premises number eighty and eighty-two (80 and 82), in Triq l-Arċisqof Pietro Pace, Victoria, Gozo, with

bl-arja libera kollha tiegħu u bil-bitħa annessa miegħu, kif indikat fuq il-pjanta mehmuża maċ-ċedola, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u għoxrin ewro ċenteżmi punt tlieta (€0.23,3).

Illi l-esponenti trid tifdi dan iċ-ċens billi tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilu mill-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, liema somma ta' €0.23,3 kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erba' ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66c);

Illi l-esponenti qiegħda ukoll tiddepożita s-somma ta' sitt ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€6.99c) bħala arretrati ta' ħlas taċ-ċens fuq il-fond imsemmi għal dawn l-aħħar tletin sena;

Illi s-somma globali ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65c) tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-intimati wara li titħalla riċevuta skont il-liġi.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 31 ta' Ottubru, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

the land underneath it and with all its airspace and with the yard attached thereto, as indicated in the plan attached to the schedule of deposit, subject to the annual and perpetual ground rent of twenty-three point three euro cents (€0.23,3).

That the applicant must redeem this ground rent by taking advantage of the faculty given to her by Article 1501 et sequitur of the Civil Code, which sum of €0.23,3 capitalized at five percent (5%) amounts to four euros and sixty-six cents (€4.66c);

That the applicant is also depositing the sum of six euros and ninety-nine cents (€6.99c) as arrears of ground rent payment on the said premises for the last thirty years;

That the global sum of eleven euros and sixty-five cents (€11.65c) can be freely withdrawn by the respondents after tendering due receipt according to law.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to enter as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring that they agree to this.

You are also ordered to inform each one that if he does not make this declaration in the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a magistrate of the aforementioned Court.

This 31st of October, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2649

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2707/2024, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Antoine Agius, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Antoine Agius a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 10th October, 2024, in the records of the judicial letter number 2707/2024, in the names Elmo Insurance Limited vs Antoine Agius, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Antoine Agius in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum 6 ta' Awwissu, 2024

Lil Antoine Agius (KI 208686M) ta' 155, Stivala Crt, Flat 12, Triq Jean De La Vallette, In-Naxxar

Permezz tal-preżenti s-soċjetà Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filwaqt illi tagħmel referenza għall-inċident tat-traffiku li seħħ nhar id-19 ta' Ġunju, 2023, fl-Imsida bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DCO-427 misjuqa minnek u dik bin-numru HCB-606 misjuqa minn Leo Hirth fil-ħin tal-inċident. Permezz tal-preżenti qed tavżak formalmenti illi int inqast milli tagħmel claim mas-soċjetà mittenti kif obbligat illi tagħmel skont il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni tiegħek u konsegwentement inti prekluż milli tinvoka l-polza ta' assikurazzjoni biex tkopri kwalsijasi obbligu tiegħek naxxenti mill-inċident in eżami u b'hekk is-soċjetà mittenti għandha d-dritt ta' rinvalza kontra tiegħek.

Illi konsegwentement permezz tal-preżenti qed tiġi avżat għall-effetti kollha tal-liġi illi s-soċjetà mittenti qed iżżommok responsabbli biex tirrifondi kwalsijasi ammont illi hija tista' tkun kostretta illi tħallas lill-terzi inkonnessjoni mal-inċident tat-traffiku tad-19 ta' Ġunju, 2023, inkluż imgħaxijiet u spejjeż legali.

Tant sabiex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż tal-preżenti

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th August, 2024

To Antoine Agius (ID 208686M) of 155, Stivala Crt, Flat 12, Triq Jean De La Vallette, Naxxar

By means of the present the company Elmo Insurance Limited (C3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, refers to the traffic accident which occurred on the 19th June, 2023, in Msida between the vehicle with registration number DCO-427 driven by you and vehicle number HCB-606 driven by Leo Hirth at the time of the accident. By means of this present, it informs you formally that you failed to make a claim with the interpellant company as you are obliged to do according to the conditions of your insurance policy and consequently you are precluded from invoking the insurance policy to cover any of your obligations arising from the accident in question and thus the interpellant company has the right to turn on you for refund.

That consequently by means of the present you are being notified for all effects of law that the interpellant company is holding you responsible to refund any amount that it may be constrained to pay to third parties in connection with the traffic accident of the 19th June 2023, including interest and legal expenses.

So much so that you may know how to proceed

With costs of the present

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2650

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' April, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1349/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Shawn Ciantar et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Shawn Ciantar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 21 ta' Marzu, 2024

Lil Shawn Ciantar (KI 440686M) ta' The Valley, Blk B, Flat 11, Triq Dott. Ġużè Miceli, Il-Gżira

U

Allan Magro

By means of a decree of the 17th April, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1349/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Shawn Ciantar et, the following publication for the purpose of service on the respondent Shawn Ciantar was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 21st March, 2024

To Shawn Ciantar (ID 440686M) of The Valley, Blk B, Flat 11, Triq Dott. Ġużè Miceli, Gżira

and

Allan Magro

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €142,046.93 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att fir-rigward tan-numru tal-VAT MT22193533.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att XXIII tal-1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €142,046.93 representing the amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to this Act regarding the VAT number MT22193533.

With costs and interest according to the said Act XXIII of 1998 till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2651

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3462/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Thomas Diacono pro et noe ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Thomas Diacono u Popular Marketing Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 8 ta' Awwissu, 2023

Lil Thomas Diacono (KI 0127885M) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Popular Marketing Limited (C53146).

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €556,711.06 rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

By means of a decree of the 22nd August, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3462/2023, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Thomas Diacono pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent Thomas Diacono and Popular Marketing Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 8th August, 2023

To Thomas Diacono (ID 0127885M0 in your own name and in your capacity as director in the name and and on behalf of the company Popular Marketing Limited (C53146).

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €556,711.06 representing the amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to this Act.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Notifika: Thomas Diacono, 102, Triq is-Sienja, Ħ'Attard

Thomas Diacono, 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, L-Iklin

Popular Marketing Ltd, New Your Best Office, Triq Paceville c/w Triq Dobbie, San Ġiljan

Popular Marketing Ltd 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Notification: Thomas Diacono, 102, Triq is-Sienja, Ħ'Attard

Thomas Diacono, 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, Iklin

Popular Marketing Ltd, New Your Best Office, Triq Paceville c/w Triq Dobbie, St Julian's

Popular Marketing Ltd 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2652

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta'Ottubru, 2023, fuq talba ta' Shawn Theuma ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2183/2023 fl-ismijiet Shawn Theuma vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2183/2023 fl-ismijiet Shawn Theuma, ġuvni, bin Alfred Theuma u Georgina née Mifsud imwieled Tal-Pietà u residenti l-Ħamrun (KI 349096M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa, fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2023, fejn Shawn Theuma espona bir-rispett:

Illi kif riżultanti mill-kuntratt ta' akkwist ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Sarah Ann Agius fit-28 ta' Novembru,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 13th October, 2023, following a request by Shawn Theuma vs Deputy Curators to represent the unknown owners in the records of the schedule of deposit number 2183/2023 in the names Shawn Theuma vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 2183/2023 in the names of Shawn Theuma, bachelor, son of Alfred Theuma and Georgina née Mifsud, born in Tal-Pietà and residing in Ħamrun (ID 349096M) vs Deputy Curators to represent the unknown owners, filed in the First Hall of the Civil Court on the 11th October, 2023, the applicant Shawn Borg respectfully submitted:

That as results from the contract of acquisition published in the records of Notary Dr Sarah Ann Agius on the 28th

2022, kopja ta' liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bħala Dokument ST1, l-esponent akkwista b'titolu ta' bejgħ mingħand Maria Tabone, il-fond terran ossija maisonette numru 83 bieb għalih fi Triq Atocia, Il-Ħamrun, sottostanti proprjetà ta' terzi, liema fond jinsab indikat fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dokument ST2;

Illi kif jirriżulta mill-kuntratt pubbliku fuq indikat, il-fond de quo huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.18;

Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà li jagħtih l-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u jifdi ċ-ċens fuq indikat, liema ċens huwa fl-ammont ta' €0.18;

Illi dan il-fond huwa r-residenza ordinarja tal-esponet Shawn Theuma;

Għaldaqstant, l-esponent Shawn Theuma fil-kwalità tiegħu ta' sid tal-fond urban ossija maisonette bieb għalih numru 83 fi Triq Atocia, Il-Ħamrun, jadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qiegħed jiddepożita s-somma ta' €3.60 rappreżentanti ċ-ċens tal-fond fuq imsemmi u kapitalizzat bir-rata ta' 5% kontemplata appożitament mill-liġi, u dan sabiex is-somma hekk depożitata tiġi liberament żbankata mill-intimati u dan kontra r-rilaxx tad-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 13 ta' Ottubru, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

November, 2022, a copy of which contract is hereby attached and marked as document ST1, the interpellant acquired by title of sale from Maria Tabone, the premises at groundfloor level or rather maisonette number 83 with its own door in Triq Atocia, Ħamrun, underlying third party property, which premises is indicated on the plan hereby attached as Document ST2;

That as results from the public deed above indicated, the premises de quo is subject to the annual and perpetual groundrent of €0.18;

That the applicant wishes to avail himself of the option given to him by Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and redeem the groundrent above indicated, which groundrent is in the amount of €0.18;

That this premises is the ordinary residence of the applicant Shawn Theuma;

Thus, the interpellant Shawn Theuma in his capacity as owner of the urban premises or rather maisonette having its own door number 83 in Triq Atocia, Ħamrun, calls upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of €3.60 representing the groundrent of the premises above mentioned and capitalised at the rate of 5% contemplated by law, and this so that the sum so deposited be freely withdrawn by the respondents and this against the release of the due receipt according to law.

Notification: Director Public Registry, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 13th October, 2023

Registry of the Superior Courts, today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2653

B'digriet tal-4 ta' Novembru, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Audrianne Scerri, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija 308869M, fis-16 ta' Lulju, 2024, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elfejn disa' mija u tliet ewro (€2903.00) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1353/2024.

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 62/2016 fl-ismijiet GO plc (C22334) vs Jesmond Scerri (KI 233267M)

u

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1809/2017 fl-ismijiet Audrianne Scerri (KI 308869M) vs Jesmond Scerri (KI 233267M)

Il-Qorti ordnat in-notifika b'għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 4th November, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Audrianne Scerri, holder of Maltese identity card 308869M, on the 16th July, 2024, is asking for the withdrawal of the amount of two thousand, nine hundred and three euro (€2903.00) deposited by the Schedule of Deposit number 1353/2024 in the names of:

In the acts of Executive Garnishee Order number 62/2016 in the names of GO plc (C22334) vs Jesmond Scerri (ID 233267M)

and

In the acts of Executive Garnishee Order number 1809/2017 in the names Audrianne Scerri (ID 308869M) vs Jesmond Scerri (ID 233267M)

The Court ordered the notification of this application with ten (10) days to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Thursday, 7th November, 2024

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2654

ARB/C017/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Lulju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 596/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CHARLSTON CASSAR;

REDENT CASSAR, ta' 29 sena, iben Anna Cassar xebba Cassar, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-30 ta' Settembru, 1994, residenti fi Blk H, Ent A, Fl5, Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa, u/jew Entrance 6, Flat 4, Triq San Mikiel, Bormla, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 425194M.

JEROME AZZOPARDI;

ARB/C071/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th July, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 596/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CHARLSTON CASSAR;

REDENT CASSAR, 29 years, son of Anna Cassar née Cassar, born in Tal-Pietà, Malta, on the 30th September, 1994, residing at Blk H, Ent A, Fl5, Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa, and/or Entrance 6, Flat 4, Triq San Mikiel, Cospicua, and holder of Maltese identity card bearing number 425194M.

JEROME AZZOPARDI;

U

JOSEF MAJRI;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat REDENT CASSAR sabiex iħallas it-tiġdid tal-liċenzja tat-triq u l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Lulju, 2024. Illi dan il-ħlas għandu jsir mill-kont tal-bank intestat f'isem terza persuna li jispiċċa -9467 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD), fl-14 ta' Settembru, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Charlston Cassar, REDENT CASSAR, Jerome Azzopardi, u Josef Majri.

Illum 5 ta' Awwissu, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

AND

JOSEF MAJRI;

The Court AUTHORISES the accused REDENT CASSAR to pay for the renewal of the road licence fee and motor vehicle insurance policy of the vehicle listed in the Court decree dated 24th July, 2024. That this payment shall be made from the bank account listed in the name of a third party ending in -9467 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD) on the 14th September, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th September, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Charlston Cassar, REDENT CASSAR, Jerome Azzopardi, and Josef Majri.

Today 5th August, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2655

ARB/C074/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(L-Ispettur Jonathan Pace)
(l-Ispettur John Leigh Howard)
(l-Ispettur Lianne Bonello)

Kontra

DAVID MIFSUD, jaħdem għal rasu, ta' 42 sena, iben Anthony u Anna xebba Farrugia, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-5 ta' Ġunju, 1982, residenti fi Block C1, Flat 3, Pjazza Madonna ta' Fatima, Tal-Pietà, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 313582M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat DAVID MIFSUD sabiex jesegwixxi pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 401-1135592 miżmuma minn Elmo Insurance Limited u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura fl-ammont ta' €736.16. Illi dan il-pagament għandu jsir mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -8843 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

ARB/C074/2022 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th November, 2024, given by the Criminal Court – (Hon. Judge Neville Camilleri, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Jonathan Pace)
(Inspector John Leigh Howard)
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

DAVID MIFSUD, self-employed, 42 years, son of Anthony and Anna née Farrugia, born in Tal-Pietà, Malta, on the 5th June, 1982, residing at Block C1, Flat 3, Pjazza Madonna ta' Fatima, Tal-Pietà, and holder of Maltese identity card bearing number 313582M.

The Court AUTHORISES the accused DAVID MIFSUD to execute payment for the renewal of the insurance policy with reference number 401-1135592 held by Elmo Insurance Limited and the road license for the same vehicle in the amount of €736.16. That this payment shall be made from the bank account registered in the name of the accused ending in -8843 and held at the Bank of Valetta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fis-26 ta' Ottubru, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-1 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' DAVID MIFSUD.

Illum 11 ta' Novembru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 26th October, 2022, which was published in the Government Gazette on the 1st November, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to DAVID MIFSUD.

Today 11th November, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2656

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Settembru, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ruth Manicaro vs Robert Manicaro, Rikors numru 164/2024JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Robert Manicaro a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' guramentat numru 164/2024 JPG fl-ismijiet Ruth Manicaro (KI 0032285M) vs Robert Manicaro (KI 96983M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-7 ta' Awwissu, 2024, ir-rikorrenti Ruth Manicaro (KI 0032285M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba abbuż fiżiku, piskoloġiku, emozzjonali u sesswali, kif ukoll sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u wliedu minuri;

2. Tippronunzja l-Ħall taż-Żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikoli 66B et sequitur u 66F tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tawtorizza lill-attrici tgħix separatament mill-intimat ġewwa d-dar matrimonjali b'dan illi l-intimat jiġi ordnat jallontana ruħu mill-istess dar, filwaqt li l-esponenti tiġi awtorizzata tbiddel is-serraturi tad-dar matrimonjali u l-garaxx adjaċenti;

4. Tordna li l-intimat jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini tal-Artikolu/i 154 tal-Kodiċi u dan fl-interess suprem tal-minuri;

5. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri … omissis … tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti u sabiex l-esponenti

By means of a decree of the 30th September, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Ruth Manicaro vs Robert Manicaro, Application number 164/2024JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Robert Manicaro in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of a sworn application number 164/2024JPG in the names Ruth Manicaro (ID 0032285M) vs Robert Manicaro (ID 96983M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 7th August, 2024, the applicant Ruth Manicaro (ID 0032285M) requested this Honourable Court to:

1. Declare the personal separation between the said parties due to physical, psychological and sexsual, and also emotional abuse, excesses, threats and serious insults committed by the defendant against the applicant and his minor children;

2. Pronounce the dissolution of marriage between the parties in terms of Article 66B et sequitur and 66F of Cap. 16 of the Laws of Malta;

3. Authorise the applicant to live seperately from the defendant in the matrimonial home in such a manner that the respondent is ordered to leave the same home, whilst the applicant is authorised to change the locks of the matrimonial home and adjacent garage;;

4. Order that the respondent be removed from all the rights of parent, in terms of Article 154 of the Civil Code and this in the supreme interest of the minors;

5. Order that the care and custody of the minors … omissis … be entrusted exclusively to the applicant and for

tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri inkluż dawk relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut u li tagħti dawk il-provedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri fl-aħjar interess tagħha;

6. Tordna li l-minuri jirrisjedu mal-esponenti u li d-domiċilju u residenza ordinarja tal-minuri għandha tkun fil-Gżejjer Maltin;

7. Tordna li l-aċċess għall-ulied minuri jkun sospiż jew imwaqqaf jew taħt superviżjoni ta' professjonisti fl-aħjar interess tagħhom u f'każ li l-intimat jaħtaf lill-minuri mill-kura tal-attriċi tordna u tawtorizza lill-Pulizija Eżekuttiva u jekk ikun meħtieġ bl-assistenza tal-Marixalli tal-Qorti u l-ħaddiema soċjali sabiex ifittxu u jirritornaw lill-minuri minnufih fil-kura tal-attriċi u tagħti dawk il-provedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri;

8. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-intimat lill-esponenti, kif ukoll għall-imsemmjija wlied … omissis … li jkun b'effett mid-data tar-rikors odjern. Dan il-mantenimnent għandu jibqa' hekk pagabbli sakemm it-tfal jagħlqu l-età ta' 18-il sena u jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi full-time jew sa 23 sena jekk it-tfal jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qligħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċju tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;

9. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas arretrati ta' manteniment tal-minuri mid-data li fiha l-attriċi intavolat l-ewwel ittra ta' medjazzjoni, kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni, safar u kwalunkwe attivitajiet ekstrakurrikulari;

10. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess tfal sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw, inkluż u mhux limitatament, uniformijiet, trasport, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri u nofs l-ispejjeż relatati mal-preċett u l-griżma tal-minuri u ħruġ ta' passaporti;

11. Tordna Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kodiċi a favur Liġijiet ta' Malta a favur l-esponenti u wliedhom u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa din l-Ordni tiġi estiża favur familjari oħra tal-attriċi;

the applicant to take all those decisions related to the minors including those related to health, upon the issue of passports, travel and education of the minors without the defendant's consent, and to make such other appropriate and opportune provisions concerning the minors in its best interests;

6. Order that the minors reside with the applicant whilst the domicile and residence of the minors be in the Maltese Islands;

7. Order that access to the minor children be suspended or stopped or under the supervision of professionals in their best interest and in case the respondent abducts the minor from the care of the applicant order and authorise the Executive Police and if necessary with the assistance of Court marshals and social workers to seek and return the minors immediately in the care of the applicant and give such other appropriate and opportune provisions concerning the minors;

8. Fix and liquidate an adequate amount of maintenance which shall be payable by the respondent to the plaintiff and also for the minor children … omissis … with affect from the date of filing of this applicantion. This maintenance shall remain so payable until the children reach the age of 18 years and if they stop receiving their education and start working on a full-time basis until the age of 23 if the children decide to continue studying on a full-time basis and also orders that the maintenance is deducted directly from the salary or earnings of the defendant from employment or work or any benefit that the defendant is receiving, and are deposited in a bank account indicated by the applicant and provides on the modalities of how the same maintenance should be reviewed and amended every year to reflect the increase in the cost of living and that the applicant receives any children's benefits including but not limited to the childrens' allowance, in their entirety;

9. Order the defendant to pay maintenance arrears for the children, from the date that the applicant filed the first Mediation letter, and also arrears related to expenses incurred for health, education, travel and any extra-curricular activities;

10. Order the defendant to pay the health and education costs of the same children as long as they are still studying, including but not limited to clothing, uniforms, transport, stationary, private lessons and any other costs related to education, including related costs with extra-curricular activities of minors and half of the costs related to the holy communion and confirmation of the minors and the issuance of passports;

11. Order a Protection order in terms of Cap. 16 of the Laws of Malta in favour of the applicant and their children and if this Honourable Court feels the néed this order is extended in favour of other relatives of the applicant

12. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Tiddikjara illi l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob u jiċċievi manteniment mingħand l-esponenti filwaqt li tiddikjara li l-esponenti ma tilfitx id-dritt tagħha li titlob u jew tirċievi manteniment mingħand l-intimat;

14. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament ugwali, komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess intimat għandu jkun ikkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-intimat, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

15. Tiddikjara liema huma l-beni parafernali tal-partijiet u tikkundanna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni kollha parafernali tagħha;

16. Tawtorizza lill-esponenti tibqa' tirrisjedi fil-fond 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura, flimkien ma' wlieda minuri ad esklusjoni tal-intimat filwaqt li tawtorizza tbiddel is-serratura tal-istess fond u garaxx adjaċenti mingħajr il-kunsens tal-intimat;

17. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum u ħin u post stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-każ;

18. Tawtorizza lir-Reġistru Pubbliku ta' Malta jirreġistra l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri kollha ta' medjazzjoni bl-imgħax kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura

Konvenut notifika: 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura

Ir-rikors fl-ismijiet Ruth Manicaro vs Robert Manicaro, Rikors numru 164/2024JPG, jinsab differit għat-18 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

12. Order that the defendant lost his right to any conjugal rights in terms of Article 48 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta and applies against in their entirety the provisions of Article 48, 51 till 55 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

13. Declare that the respondent forfeited the right to claim and receive maintenance from the applicant whilst declaring that the applicant did not lose her right to claim and or receive maintenance from the respondent;

14. Declare dissolved and terminated the existing community of acquests between the parties and order that the same parties be divided into two shares, not necessary equal, consisting as ordered and established by the Honourable Court, in view, iner alia from the date of acquisition of several objects forming part of the same community of acquests and of the day esablished by this Courtwhen the respondent is considered guilty of the seperation, which portions will be assigned one to the defendant and the other to the plaintiff and this may be done, if needed by means of a nominated architect and a nominated notary to publish the relative deed and curator to represent any contumacious parties on the same deed;

15. Declare what are the paraphernal properties of the parties and order the defendant to restore to the applicant all her paraphernal property;

16. Authorise the applicant to continue to reside in premises number 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Fgura ,together with her minor children to the exclusion of the defendant, whilst authorizing to change the lock of the same premises and adjacent garage without the consent of the respondent;

17. Appoint a curator to represent the defendant in his eventual appearance on the relative deed of division at a day and time and place established by this Honourable Court;

18. Authorise the Public Registry of Malta to rergister the eventual judgement given by this Honourable Court.

With costs including all the mediation procedures and interest against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Fgura

Respondent notification: 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Fgura

The application in the names Ruth Manicaro vs Robert Manicaro, Application number 164/2024JPG, has been postponed for hearing to the 18th November, 2024, at 9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 11 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 11th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2657

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3683/2024, fl-ismijiet Duwpa Company Limited vs Louis Leisure Complex Limited, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Louis Leisure Complex Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 9 ta' Awwissu, 2024

Lil Louis Leisure Complex Limited (C11911) ta' 39, Triq l-Imdina, Ħ'Attard

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Duwpa Company Limited (C28061) ta' 76, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, tagħmel riferenza għall-iskirittura privata datata 4 ta' Frar, 2021, fejn is-soċjetà mittenti sellfet l-ammont ta' €65,000 fejn ġie stipulat illi s-somma li kellha titħallas lura lis-soċjetà mittenti kienet ta' €1,200,000 stante illi s-soċjetà mittenti kienet sellfitek diversi drabi oħra qabel l-iffirmar ta' tali skrittura privata. Dan l-ammont ukoll għadu pendenti minnek sal-lum.

Minekjja diversi interpellazzjonijiet mis-soċjetà mittenti għall-ħlas tal-imsemmija ammonti mogħtija b'self int bqajt inadempjenti.

Għaldaqstant, is-soċjetà mittenti qed tinterpellak sabiex tħallas l-ammont ta' €1,200,000 u dan sa mhux iktar tard minn ħamest ijiem min-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li tottempra ruħek fi żmien hawn fuq mogħti lilek, is-soċjetà mittenti se tipprocedi ġudizzjarjament fil-konfront tiegħek, mingħajr ebda preavviż ieħor.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament a tenur tal-Artikolu 2128 tal-Kodici , Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqant sabiex tagħraf timxi u tevita spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 18th October, 2024, in the records of the judicial letter number 3683/2024, in the names Duwpa Company Limited vs Louis Leisure Complex Limited, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Louis Leisure Complex Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th August, 2024

To: Louis Leisure Complex Limited (C11911) of 39, Triq l-Imdina, Ħ'Attard

By means of this present, Duwpa Company Limited (C28061) of 76, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, refers to the private writing dated 4th February, 2021, whereby the interpellant company lent the amount of €65,000 whereby it was stipulated that the sum that had to be paid back to the interpellant company was €1,200,000 since the interpellant company had lent money to you on several other occasions before the signing of such private writing. This amount is also pending from you to date.

Although various solicitations from the interpellant company for the payment of the said amounts given by way of loan were made, you remained in default.

Thus, the interpellant company is calling upon you to pay the amount of €1,200,000 and this by not later than five days from the service of this act.

Should you default in payment within the time given to you, the interpellant company will proceed judicially against you, without further notice.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively in terms of Article 2128 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid useless costs.

With costs

Registry of the Superior Courts today 8th November 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2658

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3568/2024, fl-ismijiet Dun Gwann Farrugia v s Benjamin sive Benny Farrugia, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Benjamin sive Benny Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 5 ta' Awwissu, 2024

Lil Benjamin sive Benny Farrugia (KI 899652M) ta' 7, St James Residential Quarters, Block A, Room 106, Sqaq San Pawl, Ħaż-Żabbar

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Dun Gwann Farrugia ta' 3, Triq San Mikiel, Iż-Żurrieq, qiegħed isejjaħlek sabiex fi żmien sitt (6) ijiem minn meta inti tiġi notifikat b'dan l-att, inti tħallsu u tatih lura s-somma ta' €45,550.00 hekk kif int obbligajt ruħek u kkostitwejt ruħek debitur tiegħu permezz tal-iskrittura pubblika li int għamilt fit-23 ta' April, 2023, għand in-Nutar Dott. Joseph Tabone, liema skrittura qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A sabiex tiġi reża esegwibbli għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Fin-nuqqas il-mittenti ma jkollux alternattiva oħra ħlief li jipproċedu ulterjorment kontra tiegħek bil-mezzi kollha, u kriminali li tatih il-liġi.

Tant biex tagħraf tevita aktar proċeduri serji u l-ispejjeż li jinvolvu.

Ħallas l-ispejjeż tal-preżenti u konsultazzjoni.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th September, 2024, in the records of the judicial letter number 3568/2024, in the names Dun Gwann Farrugia vs Benjamin sive Benny Farrugia, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Benjamin sive Benny Farrugia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 5th August, 2024

TO: Benjamin sive Benny Farrugia (ID 899652M) of 7, St James Residential Quarters, Block A, Room 106, Sqaq San Pawl, Ħaż-Żabbar

By means of this present, Dun Gwann Farrugia of 3, Triq San Mikiel, Żurrieq, is calling upon you so that within six (6) days from when you are notified with this act, you pay and return to him the sum of €45,550.00 as you bound yourself to do when you constituted yourself as his debtor by means of a public writing entered into on the 23rd April, 2023, in the records of Notary Dr Joseph Tabone, which writing is being attached and marked as Doc. A in order to be rendered executable for all intents and purposes of law.

In default the interpellant will have no alternative but to proceed further against you by all the means, civil and criminal, available to him at law.

So much so that you may know how to avoid further serious proceedings and the costs they entail.

Pay the costs of this present and for the consultation.

Registry of the Superior Courts, today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2659

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2761/2024, fl-ismijiet l-Avukat Natalia Camilleri noe vs Antonia Borg et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Antonia u Alfred konjuġi Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 14 ta' Ġunju, 2024

By means of a decree of the 4th October, 2024, in the records of the judicial letter number 2761/2024, in the names Advocate Natalia Camilleri noe vs Antonia Borg et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Antonia and Alfred spouses Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 14th June, 2024

Lil Antonia u Alfred konjuġi Borg ta' 92, Alfin, Triq A. Cuschieri, Birkirkara

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, l-Avukat Natalia Camilleri (KI 519896M) bħala mandatarja tal-assenti Christopher Borg (passaport Malti MT075700) u residenti Magellans Rest, Grange Road, Wickham Bishops, Witham, Essex, CM8 3LT, L-Ingilterra, jinfurmani li l-istess esponenti ilu jinterpellakom, bħala s-sid tal-istess fond sabiex intom tivvakaw mill-garaxx li għandu l-isem Bernice fi Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara.

Illi permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-esponenti qiegħda terġa' tinterpellak sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-istess ittra, tiżgombraw u tivvakaw mill-garaxx bl-isem Bernice fi Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara, u sabiex tirritorna kull ċavetta li għandkom fil-pussess tagħkom tal-fond lura lill-esponenti stante li intom qegħdin tokkupaw l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Illi l-esponenti qiegħed jirriżerva d-dritt li jfittixkom għall-ispejjeż legali kollha li hu kellu jkopri sabiex jintavola din l-ittra uffiċjali u kif ukoll qiegħed jirriżerva d-dritt għal kull azzjoni oħra spettanti lilu skont il-liġi inkluż l-intavolar ta' proċeduri kriminali fil-konfront tagħkom u bil-ħruġ tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To: Antonia and Alfred spouses Borg of 92, Alfin, Triq A. Cuschieri, Birkirkara

By means of this present, Advocate Natalia Camilleri (ID 519896M) as mandatary of the absentee Christopher Borg (Maltese passport MT075700) and residing at Magellans Rest, Grange Road, Wickham Bishops, Witham, Essex, CM8 3LT, England, notes that she is informed by the absentee that he has been calling upon you, as owner of the same premises so that you vacate the garage bearing the name Bernice in Triq A. Cuschieri, Fleur-de-Lys, Birkirkara.

That by means of this judicial letter the interpellant is once again soliciting you so that within seven (7) days from the date of service of this same letter, you evict and vacate the garage with the name Bernice in Triq A. Cuschieri, Fleur-de-Lys, Birkirkara, and to return all the keys in your possession of the premises back to the interpellant since you are occupying the same premises without any valid title at law.

That the interpellant is reserving the right to ask you for all the legal expenses he had to cover in order to file this judicial letter as well as reserving the right to any other action due to him according to law including the filing of criminal proceedings against you and the issuing of the opportune warrants.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves.

Registry of the Superior Courts, today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2660

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-protest numru 322/2024, fl-ismijiet James Spiteri Staines et vs Antoine Marcel Pace Asciak et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 5 ta' Settembru, 2024

James (KI 439790M) u Maria (KI 4996M) konjuġi Spiteri Staines

vs

Antoine Marcel (KI 312045M) u Margaret Mary (KI 627847M) konjuġi Pace Asciak

By means of a decree of the 23rd October 2024, in the records of the protest number 322/2024, in the names James Spiteri Staines et vs Antoine Marcel Pace Asciak et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 5th September, 2024

James (ID 439790M) and Maria (ID 4996M) spouses Spiteri Staines

vs

Antoine Marcel (ID 312045M) and Margaret Mary (ID 627847M) spouses Pace Asciak

Protest Ġudizzjarju ta' James (K.I. 439790M) u Maria (KI 4996M) konjuġi Spiteri Staines

Jesponu bir-rispett:

1. Illi l-protestanti huma s-sidien tal-fond 82, 'North House', Triq il-Wied, L-Iklin, liema proprjetà kienet preċedentement tifforma parti minn proprjetà akbar msemmija 'Casa Bonnici' u li kellha n-numri uffiċjali 80 u 82;

2. Illi l-protestanti applikaw għal permess ta' żvilupp inkonnessjoni mal-fond preċitat, liema applikazzjoni għandha n-numru ta' referenza PA 5283/22 u li ġiet approvata mill-Awtorità` tal-Ippjanar;

3. Illi l-protestati huma s-sidien tal-fond adjaċenti għal dak tal-protestanti, liema fond għandu l-indirizz 84 u 86, 'The Jacarandas', Triq il-Wied, L-Iklin;

4. Illi parti mill-ħajt diviżorju li jifred il-proprjetajiet tal-partijiet, speċifikament il-parti tal-ħajt li jinsab fuq il-parti ta' quddiem tal-proprjetajiet li jmissu mat-triq pubblika, jinsab fi stat ħażin u perikoluż, u jeħtieġ li jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid;

5. Illi din l-imsemmija parti tal-ħajt hija wkoll inklinata 'l ġewwa għal ġol-fond tal-protestanti, u fuq parir professjonali illi ottjenew il-protestanti mingħand perit tal-fiduċja tagħhom illi hija responsabbli għall-iżvilupp inkwistjoni u anke mingħand esperti oħra, irriżulta li dan il-ħajt huwa ta' perikolu u jinsab f'riskju imminenti li jikkollassa;

6. Illi l-protestanti talbu lill-protestati diversi drabi sabiex jagħtuhom il-kunsens biex jiddemolixxu dan il-ħajt u jerġgħu jikkostruwixxu l-istess, iżda l-protestati rrifjutaw illi jagħtu l-kunsens tagħhom għall-istess xogħlijiet;

7. Illi l-protestanti addirittura offrew illi jħallsu l-ispejjeż inkonnessjoni ma' tali xogħolijiet, anke sabiex tinstab soluzzjoni b'urġenza għal din il-problema, iżda l-protestati baqgħu inadempjenti;

8. Illi filwaqt illi huwa obbligu tal-protestati bħala koproprjetarji tal-ħajt diviżorju de quo illi jagħmlu t-tiswijiet neċessarji tal-ħajt, il-protestati qegħdin jonqsu milli josservaw tali obbligu skont il-liġi u qed jirrifjutaw li jagħtu l-kunsens tagħhom għal tali xogħlijiet mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

9. Illi apparti hekk, il-protestanti u l-appaltaturi inkarigati minnhom sabiex jesegwixxu x-xogħlijiet illi se jsiru in ottemperanza mal-permess ta' żvilupp approvat, sejrin ikunu esposti għal riskju illi jikkrolla dan il-ħajt waqt illi se jkunu se jsiru x-xogħlijiet fil-fond tal-protestanti;

Judicial Protest of James (ID 439790M) and Maria (ID 4996M) spouses Spiteri Staines

Request with respect:

1. That the applicants are the owners of the premises 82, 'North House', Triq il-Wied, Iklin, which property previously formed part of a larger property named 'Casa Bonnici' and which had official numbers 80 and 82;

2. That the applicants applied for a development permit in connection with the above mentioned premises, which application has the reference number PA 5283/22 and which was approved by the Planning Authority;

3. That the respondents are the owners of the premises adjacent to that of the applicants, which premises bear the address 84 and 86, 'The Jacarandas', Triq il-Wied, Iklin;

4. That part of the dividing wall separating the properties of the parties, specifically the part of the wall situated on the front part of the properties adjacent to the public road, is in a bad and dangerous state, and néeds to be demolished and rebuilt;

5. That this part of the wall is also inclined inwards into the premises of the applicants, and following professional advice obtained by the applicants from an architect whom they trust who is responsible for the development in question and also from other experts, it resulted that this wall is dangerous and is at imminent risk of collapse;

6. That the applicants asked the respondents several times to give them the consent to demolish this wall and reconstruct the same, but the respondents refused to give their consent for the same works;

7. That the applicants offered to pay the expenses in connection with these works, even in order to find an urgent solution to this problem, but the respondents remained in default;

8. Whereas it is the obligation of the respondents as co-owners of the partition wall in question to carry out the necessary repairs of the wall, the respondents are failing to observe such obligation according to law and are refusing to give their consent to such works without any valid reason at law;

9. That apart from this, the applicants and the contractors appointed by them to carry out the works which shall be carried out in accordance with the approved development permit, are exposed to the risk of collapsing this wall whilst the works shall be carried out in the applicants' premises;

10. Illi filwaqt illi l-protestanti għandhom kull intenzjoni illi jieħdu l-prekawzjonijiet kollha waqt ix-xogħlijiet u li jżommu d-distanza minima ta' sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju skont l-artikolu 439 tal-Kap. 16 meta jsir l-iskavar fil-fond tagħhom, huma ġew infurmati illi xorta waħda ma jistax jiġi evitat ir-risku illi dan il-ħajt jiġġarraf waqt li qed isiru x-xogħlijiet u konsegwentement jirriżulta xi korriment fuq il-ħaddiema u/jew dannu fuq il-makkinarju tagħhom;

10. That whilst the applicants have every intention to take all the precautions during the works and to keep the minimum distance of seventy six centimetres from the dividing wall according to Article 439 of Cap. 16 when excavation is carried out in their premises, they were informed that the risk of this wall collapsing while the works are being carried out cannot be avoided and consequently any injury to the workers and/or damage to their machinery may result;

11. Illi mhux hekk biss, iżda l-protestati qegħdin jużaw din is-sitwazzjoni sabiex jittentaw jieħdu vantaġġ indebitu minn fuq il-protestanti billi jippretendu li l-protestanti jirrinunzjaw għas-sjieda tagħhom u l-użu tal-appoġġ, u affarijiet oħrajn bi skambju għall-kunsens tal-protestati għal tali tiswijiet;

11. Not only that, but the respondents are using this situation in order to try to take undue advantage of the applicants by pretending that the applicants renounce their ownership and use of the common wall, and other things in exchange for the consent of the respondents for such repairs;

12. Illi di più, fir-rigward tal-ħajt diviżorju li jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet, liema ħajt huwa wkoll wieħed komuni, il-protestati jew l-antekawża tagħhom qiegħdu diversi balavostri illi qed jokkupaw il-wiċċ u ħxuna tal-ħajt tal-imsemmi appoġġ li jifred il-propjetajiet tal-kontendenti;

12. That furthermore, as regards the dividing wall situated on the back of the respective properties of the parties, which wall is also common, the respondents or their ancestors placed various balustrades which are occupying the surface and wall thickness of the said support which separates the properties of the parties;

13. Illi l-protestanti għandhom l-intenzjoni illi jgħollu l-imsemmi ħajt diviżorju, kif għandhom jedd illi jagħmlu skont il-liġi. Madankollu, il-protestanti ma jistgħux preżentement jeżerċitaw tali dritt per konsegwenza tal-imsemmijin balavostri mpoġġijin fuq il-ħajt mill-protestati;

13. That the applicants intend to raise the said dividing wall, as they are entitled to do according to law. However, the applicants cannot presently exercise such right as a consequence of the said balustrades placed on the wall by the respondents;

14. Illi l-protestanti infurmaw lill-protestati illi huma ma għandhom l-ebda jedd skont il-liġi illi jżommu tali strutturi fuq il-wiċċ tal-ħajt diviżorju illi bihom jostakolaw il-jedd tal-protestanti tal-inalzament tal-appoġġ;

14. That the applicants informed the respondents that they have no right according to law to keep such structures on the surface of the dividing wall by means of which they obstruct the right of the applicants to raise the common wall;

15. Illi meta l-protestanti ġew interpellati sabiex ineħħu tali balavostri, huma rrifjutaw illi jagħmlu dan u addirittura insistew illi l-protestanti jirrinunzjaw għall-jedd tagħhom ta' koproprjetà tal-ħajt diviżjorju;

15. That when the applicants were called upon to remove such balustrades, they refused to do so and furthermore insisted that the applicants renounce their right of co-ownership of the dividing wall;

16. Illi f'kull każ u assolutament mingħajr preġudizzju għall-premess, dato ma non concesso li ma kellux jiġi inalzat il-ħajt mill-protestanti, jirriżulta illi tali balavostri jinsabu fi stat ħażin tant illi anke hemm riskju li dawn jaqgħu fil-proprjetà` tal-protestanti;

16. That in any case and absolutely without prejudice to the premised, even if one were to concede that the wall should not have been raised by the applicants, it results that such balustrades are in a bad state so much so that even there is a risk that they fall within the property of the applicants;

17. Illi b'konsegwenza tal-aġir irresponsabbli u abbużiv tal-protestati il-protestanti qegħdin jiġu assoġġettati għal perikolu u qed jiġu ostakolati milli jipproċedu liberament bix-xogħlijiet prospettati minnhom;

17. That as a consequence of the irresponsible and abusive behaviour of the respondents the applicants are being subjected to danger and are being obstructed from proceeding freely with the works envisaged by them;

18. Illi aktar minn hekk, tali manuvri daparti tal-protestati qed iwasslu għal dilungar ta' żmien għall-protestanti, liema telf ta' żmien qed isarraf f'danni inġenti;

18. That furthermore, such manoeuvres on the part of the respondents are leading to a procrastination of time for the applicants, which loss of time is resulting in huge damages;

19. Illi l-protestati addirittura anke għamlu diversi theddid lill-protestanti illi jekk dawn tal-aħħar kienu se jibqgħu jinsistu fuq id-drittijiet tagħhom u ma jċedux għall-pretensjonijiet tal-protestati, il-protestati kien biħsiebhom jagħmlu minn kollox biex iwaqqfu x-xogħlijiet tal-protestanti;

20. Illi f'dan ir-rigward, il-protestati qegħdin minn issa jinżammu responsabbli għad-danni kollha illi qed jinkorru u li jistgħu jibqgħu jinkorru l-protestanti per konsegwenza ta' tali aġir illegali, abbużiv u kriminali daparti tal-istess protestati, u jirriżervaw id-dritt tagħhom illi jieħdu dawk il-passi kollha spettanti lilhom sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom;

21. Illi l-esponenti rrappurtaw ukoll dan il-perikolu lill-Pulizija permezz ta' rapport magħmul nhar l-4 ta' Settembru, 2024, liema rapport iġib in-numru 9/Pol/6485/2024;

22. Illi stante li l-protestati ġew interpellati diversi drabi sabiex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet iżda xorta waħda baqgħu inadempjenti, il-protestanti ma fadlilhom l-ebda triq oħra għajr illi jipproċedu permezz tal-preżenti protest;

Għaldaqstant, il-protestanti, filwaqt illi jġibu il-premess a formali konjizzjoni tal-protestati u minn issa jpoġġuhom f'dolo, mora et culpa għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi:

1. Jinterpellaw lill-protestati sabiex immedjatament u in ogni każ sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data tan-notifika lilhom tal-preżenti protest ġudizzjarju, jagħtu l-kunsens tagħhom sabiex isiru x-xogħlijiet riparatorji kollha meħtieġa fuq il-parti tal-ħajt diviżorju illi jinsab fi stat ħażin, inkluż illi jiġi demolit il-ħajt u kkostruwit mill-ġdid;

2. Jinterpellaw lill-protestati sabiex immedjatament u in ogni każ sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data tan-notifika lilhom tal-preżenti protest ġudizzjarju, ineħħu l-balavostri u kwalunkwe strutturi li bihom qed jokkupaw il-wiċċ u ħxuna tal-ħajt tal-appoġġ li jifred il-proprjetajiet tal-kontendenti;

3. Iżommu lill-protestati responsabbli għall-perikolu eżistenti u kwalunkwe inċident li jista' jinħoloq b'konsegwenza tal-istat tal-ħajt diviżorju u n-nuqqas tal-protestati illi jikkoperaw sabiex jiġi indirizzat u riżolt tali perikolu;

4. Iżommu lill-protestati responsabbli għad-danni u l-konsegwenzi kollha li rriżultaw u li jistgħu jirriżultaw minħabba l-aġir u l-inadempjenza tal-istess protestati, inkluż iżda mhux limitament għad-danni kollha inkorsi minħabba t-telf ta' żmien li qed jinħoloq minħabba l-aġir tal-protestati u kwalunkwe inċident li jista' jinħoloq;

19. That the respondents even threatened the applicants to the effect that if the latter were going to continue insisting on their rights and not to give in to the claims of the respondents, the respondents intended to do everything to stop the works of the applicants;

20. That in this regard, the respondents are from now being held responsible for all the damages they are incurring and which the applicants may continue to incur as a consequence of such illegal, abusive and criminal behaviour on the part of the same respondents, and reserve their right to take all those steps due to them in order to safeguard their rights;

21. That the applicants also reported this danger to the Police by means of a report made on the 4th September, 2024, which report bears the number 9/Pol/6485/2024;

22. That since the respondents were solicited several times to address these issues but still remained in default, the applicants have no alternative but to proceed by means of the present protest;

Thus, the applicants, whilst bringing the premised to the formal notice of the respondents and from now place them on formal notice for all intents and purposes of law and:

1. Call upon the respondents so that immediately and in any case by not later than one week from the date of service to them of the present judicial protest, they give their consent so that all the necessary remedial works be carried out on the part of the dividing wall which is in a bad state, including the demolition of the wall and reconstruction;

2. Call upon the respondents so that immediately and in any case by not later than one week from the date of service to them of the present judicial protest, they remove the balustrades and any structures with which they are occupying the surface and wall thickness of the common wall which separates the properties of the parties;

3. Hold the respondents responsible for the existing danger and any incident which may arise as a consequence of the state of the dividing wall and the failure of the respondents to cooperate in order to address and resolve such danger;

4. Hold the respondents responsible for all the damages and consequences that resulted and may result due to the behaviour and default of the same respondents, including but not limited to all the damages incurred due to the loss of time that is being created due to the behaviour of the respondents and any accident that may arise;

Fin-nuqqas daparte tal-protestati illi jottemperaw ruħhom ma' dak premess, il-protestanti jirriżervaw id-dritt illi jieħdu dawk il-passi ulterjuri spettanti lilhom skont il-liġi.

B'riżerva għal kull dritt u azzjoni oħra spettanti lill-protestanti skont il-liġi inkluż għall-kumpens tad-danni inkorsi mill-protestanti minħabba l-aġir u l-inadempjenza tal-protestati.

Dan l-att qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 889 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr preġudizzju għal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lill-protestanti ċivilment u kriminalment.

Bl-ispejjeż

Protestanti: Flat 5, Block Freesia, Triq il-Markiż Ċensu Depiro, In-Naxxar

Notifika Protestati: Antoine Marcel Pace Asciak, The Jacarandas, Triq il-Wied, L-Iklin

Margaret Mary Pace Asciak, The Jacarandas, Triq il-Wied, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In default on the part of the respondents to abide with the above, the applicants reserve the right to take the further steps due to them according to law.

Saving any other right and action due to the applicants according to law including for the compensation of damages incurred by the applicants due to the behaviour and default of the respondents.

This act is being made in terms of Article 889 of Cap. 12 of the Laws of Malta without prejudice to any right and/or action due to the applicants civilly and criminally.

With costs

Applicant: Flat 5, Block Freesia, Triq Markiż Ċensu Depiro, Naxxar

Notification respondents: Antoine Marcel Pace Asciak, The Jacarandas, Triq il-Wied, Iklin

Margaret Mary Pace Asciak, The Jacarandas, Triq il-Wied, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 8th November 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2661

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Albert Caruana et vs Anna Cascun et, Rikors numru 10/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Anna Cascun a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Albert Caruana (KI 598957M), Carmen Vincenza Bonett (KI 88661M), Josephine Caruana (KI 616935M), Carmel Caruana (KI 88358M) u Helen Mizzi (KI 307661M) vs Anna Cascun (KI 0238342M) u Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-10 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Albert Caruana (KI 598957M), Carmen Vincenza Bonett (KI 88661M), Josephine Caruana (KI 616935M), Carmel Caruana (KI 88358M) u Helen Mizzi (KI 307661M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Anna Cascun hija l-inkwilina tal-fond 23, Triq il-Kbira, Il-Gudja, ġja 59, Church Street, Il-Gudja, li kien oriġinarjament mogħti taħt titolu ta' enfitewsi temporanju għall-perjodu ta' 17-il sena

By means of a decree of the 11th June, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Albert Caruana et vs Anna Cascun et, Application number 10//2024CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anna Cascun in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Albert Caruana (ID 598957M), Carmen Vincenza Bonett (ID 88661M), Josephine Caruana (ID 616935M), Carmel Caruana (ID 88358M) and Helen Mizzi (ID 307661M) vs Anna Cascun (ID 0238342M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 10th January 2024, the applicants Albert Caruana (ID 598957M), Carmen Vincenza Bonett (ID 88661M), Josephine Caruana (ID 616935M), Carmel Caruana (ID 88358M) and Helen Mizzi (ID 307661M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Anna Cascun is the lessee of the premises 23, Triq il-Kbira, Gudja, previously 59, Church Street, Gudja, which was originally given under the title of temporary emphyteusis for a period of 17 years

mill-1 ta' Diċembru, 1975, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwlina li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġ taħt l-Artikolu 1531F u 1622 tal-Kodiċi) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwixxuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwilina Anna Cascun;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tal-fond bin-numru 23, Triq il-Kbira, Il-Gudja, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas jekk l-intimata Anna Cascun ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi lill-intimata jiġi permess żmien ta' ħames snin sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li tħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li jammonta għad-doppju tal-kirja li kienet pagabbli skont l-Artikolu 12 u 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan skont il-kera li kellha tkun viġenti ai termini tal-Att X tal-2009 li m'għandhiex tiġi kunsidrata inqas mill-kera annwali meta l-istess kera għandha togħla fuq tliet snin ta' qabel.

4. Tordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord wara ħames snin mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni kontra l-intimati għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 14, Geranium, Triq Joseph Pace, Il-Gudja

Notifika: Anna Cascun, 23, Triq il-Kbira, Il-Gudja

Awtorità tad-Djar.

Ir-rikors fl-ismijiet Stephanie Camilleri vs Mark Xuereb, Rikors numru 272/2024CG, jinsab differit għat-28 ta' Novembru, 2024, fl-10.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

from the 1st December, 1975, by means of a contract in the records of Notary Anthony Grech Trapani;

2. Order that the means test of the tenant be carried out which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria issued under Article 1531F and 1622 of the Civil Code) and any regulations which may from time to time replace them, which test shall be based on the income of the lessee Anna Cascun;

3. Declare and decide that in terms of Act XXVII of 2018, the rent is to be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered value of the premises with number 23, Triq il-Kbira, Gudja, and in order to establish new conditions regarding the rent and in default if the respondent Anna Cascun does not satisfy the criteria of income and capital of the means test to be allowed to the respondent five years to vacate the premises, besides paying compensation payable to the applicant for the occupation of the premises during the said period which amounts to double the rent which was payable according to Article 12 and 12A of Cap. 158 of the Laws of Malta and this according to the rent which should have been effective in terms of Act X of 2009 which should not be considered less than the annual rent when the same rent is to be increased over three years of before.

4. Order the eviction within a short and peremptory period established by this Board after five years from the judgement so that the premises be vacated.

With costs and from now the respondents are summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: 14, Geranium, Triq Joseph Pace, Gudja

Notification: Anna Cascun, 23, Triq il-Kbira, Gudja

Housing Authority

The application in the names Albert Caruana et vs Anna Cascun et, Application number 10/2024CG, has been postponed for hearing to the 28th November, 2024, at 10.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 8th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2662

DKR 165/2007 – KANĊELLAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet datat 28 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott.

DKR 165/2007 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th October, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Dr Edwina

Edwina Grima, LLD) wara rikors ippreżentat minn Walid Laouini fis-27 ta' Awwissu, 2024, u insegwitu tal-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fit-23 ta' Lulju, 2014, Att ta' Akkuża numru 24/2013, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

kontra

WALID LAOUINI, ta' 46 sena, iben Mohamed u Haida xebba Ban Younes, imwieled it-Tunežija fl-24 ta' Awwissu, 1978, residenti f'Carmel Apts, Flat 5, Triq il-Luzzu, San Pawl il-Baħar, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 285605L.

u

Duncan Scerri

Il-Qorti ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Walid Laouini, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja b'digriet datat 28 ta' April, 2007, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Ġunju, 2007.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ai termini tal-artikolu 22A (2)(b)(6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 8 ta' Novembru, 2024

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Grima, LLD) after an application filed by Walid Laouini on the 27th August, 2024, and following the execution of judgement given by the same Court on the 23rd July, 2014, Bill of Indictment no 24/2013, in the case in the names:

The Republic of Malta

versus

WALID LAOUINI, 46 years, son of Mohamed u Haida née Ban Younes, born in Tunis on the 24th August, 1978, residing at Carmel Apts, Flat 5, Triq il-Luzzu, St Paul's Bay, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 285605L.

and

Duncan Scerri

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Walid Laouini, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry by a decree dated 28th April, 2007, and published in the Government Gazette of the 15th June, 2007.

This notice is being published according to section 22A (2)(b)(6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today the 8th of November, 2024

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

2663

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-7 ta' Ottubru, 2024, Rikors numru 898/2024, minn Mary-Clare Duca, fejn insegwitu tar-rikors Francesca Abela, armla minn Paul Abela, bint il-mejtin Carmel Saliba u Helen Saliba née Axisa, imwielda Ħal Qormi, Malta, fil-15 ta' Ġunju, 1946, ta' 78 sena, preżentament residenti 6, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u li għandha karta tal-identità numru 0518546M ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru, 2024.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 11 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 7th October, 2024, Application number 898/2024, by Mary-Clare Duca, whereby following the application Francesca Abela, widow of Paul Abela, daughter of the late Carmel Saliba and Helen Saliba née Axisa, born in Ħal Qormi, Malta, on the 15th June, 1946, of 78 years of age, presently residing at 6, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holding identity card number 0518546M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 16th October, 2024.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 11th November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*